MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta tat-22 ta' Marzu, 2013

Citazzjoni Numru. 516/2004

Michael Zerafa

vs

Raymond Formosa

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn l-attur Michael Zerafa ippremetta:-

Illi l-attur ghandu l-pussess esklussiv ta' Zawri Lane, Hamrun.

Illi madwar xahar ilu l-konvenut spolja lill-istanti f'dak il-pussess stante li huwa kellu tieqa li taghti ghal Zawri Lane li qabad u biddilha f' bieb u b' hekk issa ghandu access dirett halli johrog f' Zawri Lane u l-istess konvenut qed jippretendi xi dritt illi jaqbad jiftah dan il-bieb u jaccedi ghall-istess Zawri Lane.

Illi dan il-bieb sar minghajr ma kien jaf l-attur u certament minghajr ebda kunsens tieghu.

Illi b'dan l-agir tieghu l-konvenut ikkommetta spoll vjolenti, privileggjat u ricenti ghad-dannu ta' l-istanti li jaghti lok ghall-azzjoni ta' spoll privileggjat skond il-ligi.

Illi nonostante illi, l-konvenut kien debitament interpellat halli jerga' jbiddel dan il-bieb f'tieqa hekk kif kien qabel dan baqa' inadempjenti.

Ghalhekk l-attur qed jitlob li jigi dikkjarat li bl-agir illegali hawn fuq imsemmi l-konvenut ikkommetta spoll privileggjat u ricenti ghad-dannu ta' l-attur. Qed jitlob ukoll li l-konvenut sabiex fi zmien qasir u perentorju li jigi iffissat jerga' jikkonverti l-imsemmi bieb f'tieqa hekk kif kien qabel. Fin-nuqqas li l-konvenut jottempora ruhu ma' dik l-ordni tal-Qorti, l-attur jkun awtorizzat li jnehhi dan il-bieb taht id-direzzjoni ta' perit nominand u spejjez intermanet tal-konvenut.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li gie ukoll ingunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-attur Michael Zerafa debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn gie eccepit:-

Illi c-citazzjonijiet de qua hi nulla u bla effett stante li mhux integru u dan peress li mart il-konvenut mhix imsemmija kif titlob il-ligi peress il-propjeta' in kwistjoni tifforma parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti.

Illi c-citazzjoni hi nulla u bla effett stante li mart l-attur mhix parti fil-kawza, salv li jigi provat li l-propjeta' in kwistjoni ma tifformax parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti ta' l-attur ghaliex hija parafernali.

Illi ghar-rigward il-meritu ta' din il-kawza, it-talbiet l-atturi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, stante illi ma kkommetta l-ebda spoll u minn dejjem kellu d-dritt li jkollu access dirett minn Zawri Lane kif indikat fil-kuntratt tat-30 ta' Settembru, 1959 (Dok A) redatt min-Nutar Dr. Antonio Galea, fejn l-avanti kawza tal-konvenut akkwistaw il-propjeta' tal-konvenut, fejn il-propjeta' fejn sar il-bieb ghandha tintuza bhala gnien jew bitha.

Illi bla pregudizzju ghas-suespost l-attur qatt ma kellu pussess esklussiv ta' Zawri Lane, izda illegalment u abbuzivament kien jitfa' ammont enormi ta' hmieg u imbarazz, kif jindikaw diversi sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali.

Illi bla pregudizzju ghas-suespost l-attur mhu qed isoffri l-ebda danni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tal-istess konvenut.

Illi bla pregudizzju ghas-suespost l-attur mhu qed isoffri l-ebda danni.

Rat l-affidavit tal-konvenut.

Semghat lix-xhud Spettur Mario Bonello prodott mill-konvenut.

Rat l-affidavit tal-attur.

Semghat lill-konvenut u l-attur it-tnejn in kontro-ezami.

Semghat it-trattazzjoni orali tal-abbli difensuri tal-partijiet.

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti.

Rat li l-kawza giet differita sabiex tinghata s-sentenza.

Ikkonsidrat:-

Dwar l-ewwel eċċezzjoni rigwardandi l-integrita tal-gudizzju fil-kawża fl-ismijiet John Baptist Tabone et vs Lucy Micallef et (04/12/1998), il-Qorti ta' l-Appell ikkonfermat is-sentenza ta' l-Ewwel Qorti fis-sens illi l-gudizzju ma kienx integru u lliberat il-konvenuti mill-osservanza tal-gudizzju. Dan ghaliex fejn hemm interess fuq proprjeta' mmobbiljari dan huwa meqjus a bazi ta' l-artikolu 1322 tal-Kodici Civili bhala att ta' amministrazzjoni straordinarja u ghalhekk kellha tkun citata l-konjugi. L-eccezzjoni tan-nuqqas ta' ntegrita' tal-gudizzju bbazata fuq l-applikazzjoni ta' l-artikolu 1322 tal-Kodici Civili kif emendat, tinvoka provvediment li hu ta' ordni pubbliku u l-Qorti hi prekluza milli tinjorah una volta n-nuqqas jigi ssollevat u ppruvat anke fejn ikun hemm rinunzja tal-parti. Għalhekk din l-eċċezzjoni għandha tiġi milqugħa.

Dwar il-kwistjoni tal-pussess o meno tal-attur ghandu jinghad li ghalkemm l-actio spolii u l-actio manutentionis huma t-tnejn imsehbin ghaliex jissejhu "azzjonijiet pussessorji", m'humiex l-istess, u, biex isehhu, jitolbu elementi differenti tal-qaghda tal-pussess fl-attur. Din id-differenza fondamentali u accettata universalment hija li fil-kaz tal-actio manutentionis huwa meqjus li l-attur ghadu fil-pussess u jrid li jinzamm fil-pussess, filwaqt li fl-actio spolii jkun gie mcahhad mill-pussess u, fil-fatt, jitlob lill-Qorti tordna li jerga' jitqieghed qabel kollox f'dak il-pussess li ttehidlu[1].

F’dik is-sentenza l-Qorti qalet ukoll li filwaqt li azzjoni ta' manutenzjoni tista' tigi esercitata fil-kaz ta' tnehhija mill-pussess fejn ma jkunx hemm vjolenza jew habi, l-azzjoni privileggjata ta' spoll tehtieg l-element ta' vjolenza jew habi biex tkun tista' tirnexxi. Dwar l-element ta’ pussess, il-Qorti qalet li l-ligi trid li l-attur ghandu jkun fil-pussess "ta' liema xorta jkun", izda, fl-istess waqt twiddeb li la jrid ikun inkiseb b'vjolenza jew bil-mohbi u lanqas irid ikun dak it-tip ta' pussess imsejjah "prekarju". Tali pussess ikun imseddaq ukoll jekk haddiehor ikun fil-pussess bhala kompossessur.

---

[1] Attard Nicholas Et Vs Cutajar Peter Paul, PAQC, 14/03/2001

L-attur qed jittanta li jipprova li kellu l-pussess esklussiv għaliex kien iqiegħed l-imbarazz fl-isqaq. Iżda l-bieb tal-garaxx ilu hemm u ma jistax ikun allura li kellu pussess esklussiv – pjuttost illi kien qiegħed jingombra l-aċċess ta' dak il-garaxx għat-triq. Fil-fatt il-konvenuti kellhom aktar minn darba waħda jitolbu l-għajnuna ta' l-awtoritajiet sabiex jitneħħa l-ittantat pussess mill-attur. Il-fatt li nfetaħ bieb ieħor mill-istess konvenuti ma jvarjax il-pussess o meno għaliex diġà kien hemm bieb wieħed miftuħ fuq dan l-isqaq.

Għaldaqstant, il-pussess da parti ta' l-attur ma ġiex pruvat kif meħtieġ għall-actio spolii u kwindi t-talbiet tal-istess attur jimmeritaw li jigu michuda. Inoltre l-ewwel eccezzjoni dwar l-integritra' tal-gudizzju ukoll ghandha tigi akkolta.

Ghal dawn il-motivi kollha fl-ewwel lok tilqa l-imsemmja eccezzjoni tal-konvenut u fit-tieni lok tichad it-talbiet kollha tal-attur.

Spejjez kollha kontra l-attur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------